MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 290/2008/1

**Rose Marie Spiteri f'isimha u ghan-nom tal-minuri Christabelle**

**v.**

**Carmelo sive Charles Spiteri**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici Rose Maria Spiteri pprezentat fit-3 ta' Lulju 2008, li jaqra hekk:

"1. Illi l-hajja konjugali bejnha u bejn zewgha saret impossibbli minhabba sevizji u ingurji u theddid kontinwu. Kien hemm incidenti wkoll meta kien refa' idejh ukoll.

“2. Illi miz-zwieg hemm il-minuri Christabelle li hija menomata f’sahhitha u ghandha bzonnijiet specjali ta’ kura.

“3. Illi l-partijiet ghamlu l-medjazzjoni, pero` ma setghux jaslu ghaliex ir-ragel qed jippretendi li jaghti lil martu proporzjon tal-valur tad-dar konjugali skond ma kienet inxtrat bejniethom fi proporzjonijiet mhux ugwali. Dan l-esponenti ma tistax taccettah ghaliex hija ghandha fuq spallejha l-minuri li ghandha bzonn attenzjoni fuqha u ghalhekk l-esponenti lanqas tista’ tahdem. Bil-flus li qed jippretendi li jaghti, hija ma tkunx tista’ jkollha saqaf fuq rasha ghaliha u ghall-minuri.

“4. Illi ghalhekk l-esponenti kellha taghmel din il-kawza specjalment halli jkun hemm ordnijiet mill-Qorti stante li kull ftehim li taghmel mieghu dejjem jispicca fix-xejn. L-aktar li jinkwieta lill-esponenti huwa l-fatt li l-konvenut qisu ma jifhimx ir-responsabbilta` kbira li hemm lejn il-minuri.

“5. Da parti tieghu l-konvenut qed jallega li hu marid u ma jistax jahdem. Fil-fatt huwa johrog mid-dar ghal xi 8.30 u jdum sa filghaxija.

**“Kawzali**

“Peress li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli u dan ghal ragunijiet ta’ sevizji eccessi u ingurji gravi, liema tortijiet huma imputabbli lill-konvenut, barra milli z-zwieg tkisser irremedjabilment; u l-partijiet ghamlu l-proceduri tal-medjazzjoni inutilment;

“Peress li ghalhekk kellha tigi adita din l-Onorabbli Qorti halli tigi dikjarata gudizjalment is-separazzjoni bejniethom u jsiru t-talbiet konsegwenzjali ghall-istess separazzjoni personali;

“Peress ukoll li miz-zwieg hemm il-minuri Christabelle ta’ sitt snin.

**“Talbiet**

“Ghaldaqstant jintalab umilment li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja, u moghti kull provediment opportuna:

“1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut.

“2. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, u taqsam u tassenja l-istess komunjoni skont il-ligi, wara li kull parti tinghata dak li hu parafernali taghha;

“3. Dwar id-dar konjugali, li talloka l-istess dar lill-esponenti u lil minuri u dan taht kundizzjoni li l-istess dar jibqghu jghixu biss l-attrici u bintha minuri;

“4. Dwar il-manteniment, li jigi ffissat kemm ghall-attrici u kemm ghall-minuri, kif ukoll jigu stabbiliti l-modalitajiet tal-hlas tal-istess manteniment;

“5. Dwar kura u kustodja tal-minuri din tigi fdata f’ idejn l-attrici u bi dritt ta’ access adegwat ghall-missier u dan skont l-ahjar interess tal-minuri;

“6. Dwar id-dritt successorji tiddikjara lill-konvenut dekadut min kull dritt ta’ successjoni;

“7. Dwar il-kunjom tal-mara, li tirriverti ghal kunjom xbubitha “Zammit”.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-parti konvenuta.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Charles sive Carmelo Spiteri li permezz taghha eccepixxa:

“1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero` gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-kontro-talba

sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

"2. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant Charles sive Carmelo Spiteri fejn jinghad:

""**Min jircievi din il-kontro-talba mahlufa kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe` minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skond il-ligi.**

"**Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza.**"

"Bil-qima jghid u bil-gurament tieghu jikkonferma:

"Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawza

"1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Gunju 2002 (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. A).

"2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla, Christabelle.

"3. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonat, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata.

"Raguni tat-Talba

"1. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanzi permezz ta' Digriet moghti nhar is-27 ta' Gunju 2008 (ara Dok. B);

“<u>Talba</u>

“Tghid ghalhekk l-istess attrici rikonvenzjonata il-ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

“1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma’ l-attrici.

“2. Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand minghand minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant, mentri hu jibqaghlu d-dritt li jesigi minghandha l-hlas ta’ manteniment ghalih.

“3. Takkorda lill-konvenut rikonvenzjonant access regolari ghall-imsemmija minuri Christabelle, kif ukoll tordna li l-awtorita` parentali tibqa’ vestita fiz-zewg partijiet u l-imsemmija minuri ma tkunx tista’ ssiefer minn dawn il-gzejjer jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet.

“4. Tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-attrici rikonvenzjonata lill-konvenut zewgha rikonvenzjonant ghalih, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh taghha mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha/jista’ jkollha jew bi *standing order* u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

“5. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjonili tilfet kull dritt li tiret mill-konvenut.

“6. Tiddikjara li d-dar konjugali hija parafernali tal-kontendenti u li kwantu ghal kwantu ghal 82.5% parti indiviza lill-konvenut rikonvenzjonant u ghar-rimanenti 17.5% indivizi lill-attrici rikonvenzjonata u dan kif jirrizulta mill-att pubbliku tan-Nutar Dr. Mario Bugeja tat-8 ta’ Settembru tas-sena 2001 (Dok. C).

“7. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl tal-fatt li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici *ope sententiam*; u jekk ikun il-kaz tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

“8. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex minbarra dak li diga` inghad kwantu jirrigwarda d-dar konjugali aktar ’il fuq, tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta’ periti *nominandi*, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

“9. Tordna li l-konvenut rikonvenzjonant jibqa’ jabita fid-dar konjugali ‘Mayflower’, Flat 2, Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, ad eskluzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u taghti kull provvediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-Medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-attrici rikonvenzjonata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit-28 ta' Gunju 2012 li permezz taghha l-Qorti ddecidiet illi:

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni bill:

"[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

"[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

"[3] tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-perijodu ta sitt snin mid-data li dan il-gudizzju jghaddi f' gudikat, ghall-liema perijodu l-attrici hija awtorizzata tghix mat-tifla minuri fl-imsemmi fond, ad eskluzjoni tal-konvenut; b' mod li fil-kaz li l-attrici tghazel li tghix fi stat ta' konkubinagg, hija titlef dan id-dritt moghti lilha;

"[4] tilqa' ir-raba talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'; filwaqt li tichadaha ghall-kumplament;

"[5] tilqa' il-hames talba, fis-sens fuq stabbilit u indikat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

"[6] tichad is-sitt talba, dwar id-dekadenza;

"[7] tilqa' is-seba' talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Zammit'

"Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

"[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;

"[2] tichad it-tieni talba;

"[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens gja fuq deciz;

“[4] tichad ir-raba’ talba;

“[5] tichad il-hames talba;

“[6] tilqa’ is-sitt talba fit-termini taghha;

“[7] tilqa’ s-seba’ talba fis-sens gja fuq deciz;

“[8] tichad it-tmien talba, in kwantu ghal effetti mobbli stante li ma ngabux provi fir-rigward;

“[9] tichad id-disa’ talba.

“Spejjez bla taxxa.”

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

“Illi l-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti huwa wiehed delikat tenut kont tal-fatt li l-kawza principali tat-tkissir taz-zwieg issib l-origini taghha fil-kondizzjoni mentali li ghandu l-konvenut, u li kellu sa minn qabel iz-zwieg.

“Jirrizulta li wara sentejn u nofs fiz-zwieg il-kondizzjoni mentali tieghu marret lura, bir-rizultat li s-sintomi taghha bdew ikunu aktar manifesti, u bdew jaffettwa hazin lilu, u lil martu li, minn naha taghha, ma kienitx kapaci tirreagixxi ghal din is-sitwazzjoni b’ mod li tghin lill-konvenut, bir-rizultat li bejn il-partijiet kien jinholqu hafna litigji, u anke incidenti li fihom l-attrici sfat vittma ta’ vjolenza domestika. Ukoll, il-kondizzjoni tat-tifla kienet ta’ piz u anzjeta’ kemm ghall-konvenut kif ukoll ghall-attrici.

“Illi l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment; izda mhijiex propensa li tattribwixxi xi htija, la lill-attrici li kienet sofriet vjolenza morali u fizika mill-konvenut, u lanqas l-istess konvenut li, ghalkemm kien joqghod ghall-kura u l-istruzzjonijiet medici li kien jaghtih il-psikjatra, il-kondizzjoni mentali tieghu f’ daqqa wahda aggravat, u kompliet taggrava bl-inkwiet li l-azzjonijiet tieghu fil-konfront ta’ l-attrici kienu joholqu.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fuq il-bazi li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat.

**"Kura u Kustodja**

"Illi l-interessi tal-minuri jiddettaw li, fic-cirkostanzi din tigi fdata fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommha li minn naha taghha qed tigi obbligata li taghti lill-missier l-informazzjoni kollha dwar is-sahha u l-edukazzjoni taghha; liema informazzjoni l-istess konvenut qed jnghata d-dritt li jakkwistha wkoll mill-iskola tal-minuri u mill-isptar, kif ukoll mid-dipartimenti koncernati.

"Illi l-missier qed jinghata access ghat-tifla, darbtejn matul il-gimgha, saghtejn kull darba; u dabra fil-weekend Sibt/Hadd, b' mod alternat, sitt sieghat kull darba. Matul il-vaganzi skolastici, tal-Milied, l-Ghid u tas-Sajf, l-access ikun ta' gurnata shiha mid-9.30 am sas-7.30 pm, filwaqt li fis-sajf, l-access jestendi sad-9.00pm.

**"Manteniment**

"Illi ghall-fini tal-komputazzjoni tal-manteniment huma mportanti s-segwenti fatturi:

"[1] li jirrizulta pruvat li t-tifla ghandha bzonnijiet specjali li jirrendu l-oneru tat-torbbija, li waqa' kollu fuq l-attrici, ferm akbar mis-soltu. Minn naha l-ohra, it-tifla tattendi l-iskola bl-ghajnuna ta' Learning Support Assistant, u ghalhekk l-attrici, li ghad ghandha 29 sena, ghandha spazju f' hajjitha sabiex tghin lilha nnifisha finanzjarjament b' impieg, anke jekk ghall-issa, li t-tifla ghandha snin, b' wiehed part-time;

"[2] li l-attrici tiehu c-children's allowance u d-disability allowance, li fis-sena 2010 lahhaq komplessivament l-ammont ta' €2,004, li €848 minnhom kienu disability allowance; u dan apparti mill-assistenza socjali ta' €92.40 gimgha, €3.12 special bonus, u €135.10

kull sitt xhur; minn naha tieghu l-konvenut jiehu bhala invalidity pensjoni l-ammont ta' €126.86 fil-gimgha;

"[3] li d-dar matrimonjali, l-appartament 'Mayflower' Flat 2 Vjal l-Indipendenza, fiz-Zurrieq indikat fil-kuntratt ta' l-akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tat-8 ta' Settembru 2011[Fol.30], fejn fil-prezent tghix l-attrici mat-tifla taghha, ghandha valur ta' €93,000, u din id-dar tappartjeni lill-konvenut in kwantu ghal 82.5% u lill-attrici in kwantu ghal 17.5%; u li ghalhekk meta tinbigh, is-sehem ta' l-attrici mir-rikavat mhux ser jippermettilha li takkwista fond iehor sabiex tghix hi u t-tifla minuri;

"Illi ferm il-premess, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-mezzi tal-partijiet u l-potenzjal taghhom li jiggeneraw introjtu, hija tal-fehema li, rebus sic stantibus: [a] m' ghandu jithallas ebda manteniment mill-konvenut ghall-attrici ghaliha, stante li kif fuq indikat, din tista' taghmel xoghol part-time u tghin lilha nnifisha finanzjarjament;

"[b] li l-attrici tibqa' tghix fid-dar matrimonjali, flimkien mal-minuri, u ad eskluzjoni tal-konvenut, ghal perijodu ta' sitt [6] snin; izda titlef dan il-beneficcju talvolta li taghzel li tghix fi stat ta' konkubinagg ma' ragel iehor;

"[c] li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghat-tifla minuri s-somma ta' €35 kull gimgha, kif ukoll nofs l-ispejjez medici; u dawk skolastici tal-minuri kemm-il darba din tibqa' tattendi skola tal-istat. L-imsemmi retta alimentarja tizdied kull sentejn skond l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja.

**"Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"Jidher li din tikkonsisti fl-imsemmi appartament tal-valur ta' €93,000; xi mobbli li hemm fl-istess fond; u kontijiet bankarji.[1]

[1] Mill-kuntratt fuq indikat jidher li l-partijiet kienu akkwistaw garage ma' l-appartament, izda li l-partijiet ma jsemmuhx fost l-assi tal-komunjoni.

*“Assenjazzjoni*

“Illi l-fond fuq indikat jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena wara li jiskadi l-perijodu ta’ sitt snin, minn medta dan il-gudizzju jghaddi f’ gudikat, ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak fuq indikat; u fin-nuqqas, jinbigh that l-awtorita’ tal-Qorti, skond il-ligi; u r-rikavat jigi maqsum bejn il-partijiet skond l-imsemmija kwoti ndikati fil-kuntratt precitat.

“Illi l-mobbli ghandhom jinbighu wara li jiskadi l-imsemmi perijodu ta’ sitt snin, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“Illi l-bilanc fil-kontijiet bankarji ezistenti fit-3 ta’ Lulju 2008, id-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, jinqassmu bejn il-partijiet f’ porzjonijiet ugwali.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tibdilha parzjalment dwar it-tielet, ir-raba’ u l-hames talba;

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha filwaqt li oppona ghat-talbiet tal-attrici, u talab li s-sentenza tigi konfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Marzu 2013 li permezz tieghu l-appellanti inghatat il-benficcju tal-kawzjoni guratorja u dak tal-4 ta’ Gunju 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm l-attrici appellanta qed titlob ir-riforma tas-sentenza fir-rigward tat-tliet talbiet imsemmija, fil-verita` l-enfasi tar-rikors tal-appell huwa fir-rigward tal-perjodu moghti mill-Qorti tal-Familja lill-istess appellanti biex tabita fil-fond matrimonjali ma’ bintha ad eskluzjoni tal-appellat.

Huwa minnu li hija qed titlob ukoll zieda fil-manteniment; izda l-argument principali taghha huwa li peress li

manteniment jinkludi wkoll abitazzjoni, hija qed targumenta illi haqqha terminu aktar twil biex tghix fl-appartament inkwistjoni u dan l-aktar ghaliex hija se jkollha tiehu hsieb bintha li kif gia` ssemma ghanda problemi ta' sahha notevoli.

Il-Qorti tifhem dan l-argument u tissimpatizza maghha u ma taqbilx ma' dak li qed jissugerixxi l-appellat illi hija tista' tohrog tahdem ghaliex ghalkemm ghadha certament zghira u ta' eta` li tista' tahdem, ic-cirkostanzi fil-verita` ma jippermettulix. Madankollu kif l-istess appellanti qalet fir-rikors tal-appell stess, 'minn fejn taghsar johrog id-demm' u dan huwa kaz klassiku fejn ma tantx hemm minn fejn taghsar.

Infatti l-Qorti taqbel perfettament ma' dak indikat fis-sentenza appellata fir-rigward tal-manteniment u ma hemmx dubbju lanqas ghal din il-Qorti li l-konvenut ma tantx ghandu minn fejn johrog aktar ghal manteniment minghajr ma jaqa' huwa stess f'indigenza.

Fejn jirrigwardja d-dar matrimonjali l-Qorti tifhem li tkun problema ghall-appellanti biex issib post dicenti fejn tghix meta jintemm il-perjodu ffissat mill-Qorti izda anke hawn lanqas ma jkun gust li l-appellat idum wisq aktar ma jkun jista jikkapitalizza l-unika proprjeta` li ghandu. Biss indubbjament ghandu d-dover inkontestat illi jmanti lil bintu u din ukoll indubbjament tbati jekk ommha ma jkollhiex post dicenti fejn tghix. Ghalhekk il-Qorti se zzid dan it-terminu minn sitta ghal tmien snin u jibda jiddekorri mil-lum biex tal-inqas il-minuri jilhaq ikollha certa eta` (fil-prezent ghandha cirka hdax-il sena).

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tal-attrici billi tilqghu biss billi tirriforma biss id-decizjoni dwar it-tielet talba billi minflok li l-appellanti jkollha dritt tghix fid-dar matrimonjali ghal sitt snin, dan id-dritt jizdied ghal tmien snin b'effett mil-lum u taht l-istess kondizzjonijiet imsemmija fis-sentenza appellata; tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-kumplament; **izda** l-ispejjez tal-appell jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------